KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-23 ta' April 2020[1]

**Kawża C-806/18**

**JZ**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Direttiva 2008/115/KE — Artikolu 11 — Projbizzjoni fuq id-dħul — Ċittadin ta' pajjiż terz kontra min tali projbizzjoni fuq id-dħul ġiet imposta iżda li qatt ma telaq mill-Istat Membru kkonċernat — Piena ta' detenzjoni"

1. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), il-Qorti tal-Ġustizzja hija għal darb'oħra mitluba tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[2] jipprekludux dispożizzjoni tad-dritt kriminali nazzjonali li tippenalizza soġġorn illegali bl-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija.

2. Filwaqt li f'dan il-każ, l-Istat Membru inkwistjoni jista', fil-prinċipju, jipprovdi għal tali piena, il-fattizzi speċifiċi tad-domanda inkwistjoni hija jekk huwa għamilx dan b'mod xieraq.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3. L-għan tad-Direttiva 2008/115 huwa ddefinit kif ġej fl-Artikolu 1 tagħha, intitolat "Suġġett":

"Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skond id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem."

4. L-Artikolu 3 tad-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni [Direttiva] […]:

[…]

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

2. 'soġġorn illegali' tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet […] għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru;

3. 'ritorn' tfisser il-proċess tat-tluq lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz — kemm jekk b'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn kif ukoll jekk infurzat — għal:

– il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew

– pajjiż ta' transitu skond ftehim ta' riamissjoni Komunitarja jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

– pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

4. 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

5. 'tneħħija' tfisser l-infurzar ta' l-obbligu ta' ritorn, jiġifieri t-trasport fiżiku barra mill-Istat Membru;

6. 'projbizzjoni fuq id-dħul' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul lejn u soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri għal perijodu speċifikat, li jakkumpanja deċiżjoni ta' ritorn;

[…]

8. 'tluq volontarju' tfisser konformità ma' l-obbligu ta' ritorn fi żmien l-iskadenza ffissata għal dak l-iskop fid-deċiżjoni ta' ritorn;

[…]"

5. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Deċiżjoni ta' ritorn", jipprovdi li:

"1. L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

[…]

6. Din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jadottaw deċiżjoni dwar it-tmiem ta' soġġorn legali flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn u/jew deċiżjoni dwar tneħħija u/jew projbizzjoni fuq id-dħul f'deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju wieħed kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali disponibbli taħt il-Kapitolu III u taħt dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn ta' liġi Komunitarja u nazzjonali."

6. L-Artikolu 8 ta' dik id-direttiva, intitolat 'Tneħħija', jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinfurzaw id-deċiżjoni ta' ritorn jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għal tluq volontarju skond l-Artikolu 7(4) jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat f'dan il-perijodu għat-tluq volontarju mogħti skond l-Artikolu 7.

[…]

3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju separat li jordna t-tneħħija.

7. L-Artikolu 11 tad-direttiva huwa intitolat "Projbizzjoni fuq id-dħul" u jaqra kif ġej:

'1. Deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul:

(a) jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew,

(b) jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat.

F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul.

2. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u fil-prinċipju ma għandux jeċċedi il-ħames snin. Hu jista' madankollu jeċċedi l-ħames snin jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-irtirar jew is-sospensjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa skond it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 jista' juri li jkun ħalla jew ħalliet it-territorju ta' Stat Membru f'konformità sħiħa ma' deċiżjoni ta' ritorn.

[...]"

8. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tal-istess direttiva, "Deċiżjonijiet ta' ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fuq id-dħul u deċiżjonijiet ta' tneħħija, għandhom jinħarġu bil-miktub u jagħtu raġunijiet fil-fatt u fid-dritt kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli".

### *Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi*

9. Il-Vreemdelingenwet 2000 (il-Liġi tal-2000 dwar Ċittadini Barranin), tat-23 ta' Novembru 2000 (Stb 2000, Nru 495), kif emendata b'effett mill-31 ta' Diċembru 2011 sabiex tittrasponi d-Direttiva 2008/115 (iktar 'il quddiem il-"Vw 2000"), tipprovdi fl-Artikolu 61(1) tagħha, li ċittadin barrani li ma huwiex, jew li ma għadux residenti legalment għandu jitlaq mill-Pajjiżi l-Baxxi volontarjament fil-perijodu stabbilit fl-Artikolu 62 ta' dik il-liġi, li l-paragrafi 1 u 2 tiegħu jittrasponu l-paragrafi 1 u 4 tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115.

10. L-Artikolu 66a(1) tal-Vw 2000, li huwa intiż sabiex jittrasponi l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/115, jipprovdi li projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ fir-rigward ta' ċittadin barrani li ma jkunx telaq volontarjament mill-Pajjiżi l-Baxxi fit-terminu pprovdut.

11. Skont l-Artikolu 66a(4) tal-Vw 2000, il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ għal perijodu speċifiku, li ma jistax jeċċedi l-ħames snin, sakemm iċ-ċittadin barrani ma jirrappreżentax theddida serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. Dak il-perijodu għandu jiġi kkalkolat mid-data li fiha ċ-ċittadin barrani jkun effettivament telaq mill-Pajjiżi l-Baxxi.

12. Skont l-Artikolu 66a(7) tal-Vw 2000, ċittadin barrani li huwa suġġett għal projbizzjoni fuq id-dħul ma jistax, taħt l-ebda ċirkostanza, ikun jirrisjedi legalment:

"(a) jekk ikun ġie kkundannat permezz ta' sentenza, li saret *res judicata*, għal reat li għalih jista' jingħata piena ta' priġunerija ta' tliet snin jew iktar;

(b) jekk jirrappreżenta theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali,

(c) jekk jirrappreżenta theddida serja fis-sens tal-paragrafu 4; jew

(d) jekk, skont trattat jew fl-interessi tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Pajjiżi l-Baxxi, għandu jiġi miċħud kwalunkwe forma ta' soġġorn".

13. Skont l-Artikolu 197 tal-Wetboek van Strafrecht (Kodiċi Kriminali), li jirriżulta mil-Liġi tal-15 ta' Diċembru 2011 (Stb. 2011, Nru 663), ċittadin barrani li jibqa' fil-Pajjiżi l-Baxxi filwaqt li jaf, jew għandu raġuni serja sabiex jissuspetta, li huwa ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa skont dispożizzjoni legali jew li projbizzjoni fuq id-dħul ġiet imposta fuqu skont l-Artikolu 66a(7) tal-Vw 2000 jista' jiġi kkundannat, *inter alia*, għal perijodu ta' priġunerija ta' mhux iktar minn sitt xhur.

## Il-fatti, il-proċedura u d-domanda preliminari

14. Permezz ta' digriet tal-14 ta' April 2000, JZ ġie ddikjarat ċittadin barrani mhux mixtieq fis-sens tad-dritt fis-seħħ f'dak iż-żmien[3].

15. Permezz ta' digriet tal-iStaatssecretaris van Veiligheid en Justitie (is-Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà u għall-Ġustizzja, il-Pajjiżi l-Baxxi), tad-19 ta' Marzu 2013, dik id-dikjarazzjoni ta' persuna mhux mixtieqa ġiet imneħħija fuq talba ta' JZ b'konnessjoni mal-emenda tal-31 ta' Diċembru 2011 tal-Vw 2000 bħala konsegwenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/115. Permezz ta' dan id-digriet, inħarġet ukoll projbizzjoni fuq id-dħul ta' ħames snin fil-konfront ta' JZ skont l-Artikolu 66a(7) tal-Vw 2000, li permezz tiegħu id-dikjarazzjoni ta' persuna mhux mixtieqa tneħħiet mill-mument li daħlet fis-seħħ il-projbizzjoni fuq id-dħul. Madankollu, skont id-digriet, din it-tneħħija ma ġabet l-ebda bidla fl-obbligu ta' JZ li jitlaq. Għaldaqstant JZ kellu jitlaq mill-Pajjiżi l-Baxxi immedjatament u fuq inizjattiva tiegħu stess u seta' jitkeċċa. Skont l-Artikolu 62a(2) tal-Vw 2000, dak id-digriet jikkostitwixxi deċiżjoni ta' ritorn.

16. Bħala motivazzjoni, id-digriet jgħid *inter alia* li JZ kien ġie kundannat f'diversi okkażjonijiet li wettaq diversi reati. Skont it-taqsima A4/3.3 tal-Vreemdelingencirculaire 2000 (Ċirkulari tal-2000 dwar iċ-ċittadini barranin), kull suspett jew kundanna fir-rigward ta' reat jikkostitwixxi perikolu għall-ordni pubblika. Peress li JZ kien jirrappreżenta perikolu għall-ordni pubblika, huwa kellu jitlaq immedjatament mill-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 62(2)(c) tal-Vw 2000. B'hekk ġiet imposta fuqu projbizzjoni fuq id-dħul skont l-Artikolu 66a(1)(a) tal-Vw 2000. Fid-dawl tal-Artikolu 66a(7)(b) tal-Vw 2000, JZ ma jistax, bħala konsegwenza tal-projbizzjoni fuq id-dħul, ikun legalment residenti.

17. Il-Gerechtshof Amsterdam (il-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) stabbilixxiet li l-passi tal-proċedura ta' ritorn ġew segwiti. JZ madankollu, ma telaqx mill-Pajjiżi l-Baxxi wara d-digriet tad-19 ta' Marzu 2013. Huwa paċifiku li, fil-21 ta' Ottubru 2015, huwa kien f'Amsterdam bi ksur ta' dak id-digriet. Skont l-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali Olandiż, ċittadin barrani li jibqa' fil-Pajjiżi l-Baxxi minkejja li jkun jaf jew għandu raġuni serja sabiex jissuspetta li ġiet imposta fuqu projbizzjoni fuq id-dħul skont l-Artikolu 66a(7) tal-Vw 2000 huwa ħati ta' reat. Permezz ta' sentenza tal-Gerechtshof Amsterdam (il-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam), JZ instab ħati u ġie kkundannat għal terminu ta' priġunerija ta' xahrejn.

18. JZ ippreżenta appell fuq punt ta' liġi kontra dik is-sentenza quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi).

3 L-Artikolu 21 tal-Vreemdelingenwet 1994 (il-Liġi tal-1994 dwar Ċittadini Barranin). Dik id-dikjarazzjoni ta' persuna mhux mixtieqa fissret, essenzjalment, li kemm ir-residenza kontinwa fil-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll ir-ritorn u s-soġġorn fil-Pajjiżi l-Baxxi wara tluq huma punibbli jekk ikunu preżenti l-elementi kostituttivi l-oħra tal-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali.

19. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u, b'digriet tas-27 ta' Novembru 2018, li wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Diċembru 2018, iddeċidiet li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"F'kuntest fejn huwa paċifiku, minn naħa, li f'għajnejn id-dritt Olandiż ċittadin barrani ma jissoġġornax b'mod regolari fil-Pajjiżi l-Baxxi u, min-naħa l-oħra, li l-istadji tal-proċedura ta' ritorn previsti fid-[Direttiva 2008/115] ġew segwiti iżda r-ritorn attwali ma seħħx, liġi nazzjonali li trendi punibbli kriminalment is-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi wara li tkun ġiet imposta fuqu projbizzjoni fuq id-dħul, bis-saħħa tal-Artikolu 66a(7) tal-Vreemdelingenwet 2000, hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mal-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li, fis-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017 Ouhrami (C-225/16, EU:C:2017:590, punt 49), iddeċidiet li l-projbizzjoni fuq id-dħul prevista fl-Artikolu 11 tad-[Direttiva 2008/115], toħloq l-"effetti" tagħha biss mill-mument li ċ-ċittadin barrani jerġa' jmur lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew imur lejn pajjiż terz ieħor?"

20. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn JZ, mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, dak Ċek u dak Ġermaniż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet kollha kienu rrappreżentati waqt is-seduta li nżammet fis-6 ta' Frar 2020.

## Evalwazzjoni

21. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tfittex li taċċerta jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115 jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li tiġi imposta sentenza ta' priġunerija fuq ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment meta l-kondotta ddikjarata bħala kriminali tkun iddefinita b'referenza għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul li għadha ma seħħitx fl-assenza tat-tluq tal-persuna kkonċernata.

### *Iċ-ċaħda tal-libertà skont id-Direttiva 2008/115*

22. Kien hemm diversi okkażjonijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tevalwa leġiżlazzjoni nazzjonali fid-dawl tad-Direttiva 2008/115 meta tirrigwarda priġunerija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għar-raġuni tal-illegalità tas-soġġorn tagħhom.

23. Iċ-ċaħda tal-libertà ta' individwu fil-forma ta' piena ta' priġunerija, min-natura tagħha stess, bħala kwistjoni ta' prinċipju, tfixkel l-għan tad-Direttiva 2008/115, li huwa li tipprovdi għar-ritorn b'mod ordnat tal-persuna kkonċernata. Huwa għal din ir-raġuni li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw regoli tad-dritt kriminali li jistgħu jipperikolaw it-twettiq tal-għanijiet imfittxija minn dik id-direttiva u għalhekk iċaħduha mill-effettività tagħha [4].

24. Sal-mument li fih l-obbligu tar-ritorn ikun osservat volontarjament jew infurzat, u l-persuna kkonċernata tkun effettivament irritornat lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħha, lejn pajjiż ta' tranżitu jew lejn pajjiż terz ieħor, fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2008/115, il-kwistjoni jekk is-soġġorn tal-persuna kkonċernata huwiex illegali hija rregolata mid-deċiżjoni ta' ritorn [5]. Huwa biss minn dak il-mument li l-projbizzjoni fuq id-dħul tipproduċi l-effetti tagħha, billi tipprojbixxi lill-persuna kkonċernata, għal ċertu perijodu ta' żmien wara r-ritorn, milli terġa' tidħol u tissoġġorna fit-territorju tal-Istati Membri [6].

4 Ara s-sentenzi tat-28 ta' April 2011, El Dridi (C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punti 53 sa 55); tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian (C-329/11, EU:C:2011:807, punt 33); tas-6 ta' Diċembru 2012, Sagor (C-430/11, EU:C:2012:777, punt 32); tal-1 ta' Ottubru 2015, Celaj (C-290/14, EU:C:2015:640, punt 21); u tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum (C-47/15, EU:C:2016:408, punt 63).

5 Ara s-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Ouhrami (C-225/16, EU:C:2017:590, punt 49).

6 Ibid.

25. Kif diġà spjegajt qabel fil-qosor[7], il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat żewġ sitwazzjonijiet li fihom id-Direttiva 2008/115 ma tipprekludix l-impożizzjoni ta' sentenza ta' priġunerija fuq ċittadin ta' pajjiż terz abbażi ta' soġġorn illegali, jiġifieri meta l-proċedura ta' ritorn stabbilita mid-Direttiva 2008/115 tkun ġiet applikata u ċ-ċittadin ikun qiegħed jissoġġorna illegalment f'dak it-territorju mingħajr raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' ritorn tiegħu (is-"sitwazzjoni Achughbabian")[8] u fejn il-proċedura ta' ritorn tkun ġiet applikata u l-persuna kkonċernata tidħol mill-ġdid fit-territorju ta' dak l-Istat Membru bi ksur ta' projbizzjoni fuq id-dħul (is-"sitwazzjoni Celaj")[9].

26. Id-Direttiva 2008/115 għalhekk tistabbilixxi sistema kompleta sabiex tiżgura li ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment jitlaq mit-territorju tal-Unjoni. Fejn (i) ċittadin ta' pajjiż terz ikun fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva, jiġifieri jkun qiegħed jissoġġorna illegalment fit-territorju ta' Stat Membru[10], (ii) dak l-Istat Membru ma ddeċidiex li ma japplikax id-direttiva għar-raġunijiet elenkati fiha b'mod eżawrjenti[11] u (iii) hu jew hi ma tgawdix mid-drittijiet tal-moviment liberu[12], kif definiti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2016/399[13], iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi rritornat[14]. L-obbligi li jaqgħu fuq l-Istati Membri bħala riżultat tal-Artikoli 6 *et seq* tad-Direttiva 2008/115 huma persistenti, kontinwi u japplikaw mingħajr interruzzjoni fis-sens li jitqajmu awtomatikament malli l-kundizzjonijiet ta' dawn l-artikoli jkunu sodisfatti. Jekk, ladarba jiġi stabbilit li ċittadin ta' pajjiż terz qiegħed jissoġġorna illegalment fit-territorju ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru ma jadottax deċiżjoni ta' ritorn iżda minflok iżomm lill-persuna taħt priġunerija, dan ikun effettivament jissospendi l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva 2008/115[15].

27. Il-każ l-iktar riċenti fil-kawża Ouhrami, li kienet tirrigwarda n-natura legali ta' projbizzjoni fuq id-dħul[16], tikkompleta din l-istampa. Sal-mument li fih l-obbligu ta' ritorn huwa eżegwit volontarjament jew infurzat, u l-persuna kkonċernata tkun effettivament marret lura fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, lejn pajjiż ta' tranżitu jew lejn pajjiż terz ieħor, fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2008/115, il-kwistjoni jekk is-soġġorn tal-persuna kkonċernata huwiex illegali hija rregolata mid-deċiżjoni ta' ritorn[17]. Huwa biss minn dak il-mument li l-projbizzjoni fuq id-dħul tipproduċi l-effetti tagħha, billi tipprojbixxi lill-persuna kkonċernata, għal ċertu perijodu ta' żmien wara r-ritorn tagħha, milli terġa' tidħol u tissoġġorna fit-territorju tal-Istati Membri[18].

### *Is-sitwazzjoni ta' JZ*

28. Abbażi ta' din il-ġurisprudenza, jistgħu jinsiltu tliet konklużjonijiet interim għall-każ inkwistjoni.

29. L-ewwel nett, ma hemm l-ebda "sitwazzjoni Celaj"[19], peress li ma sarx dħul mill-ġdid fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-fatt, JZ qatt ma telaq mill-Pajjiżi l-Baxxi.

7 Ara f'iktar dettal il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Affum (C-47/15, EU:C:2016:68, punti 48 sa 56).

8 Ara s-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian (C-329/11, EU:C:2011:807, punt 50 u l-ewwel inċiż tad-dispożittiv).

9 Ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, Celaj (C-290/14, EU:C:2015:640, punt 33 u d-dispożittiv).

10 Ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/115.

11 Ara l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/115.

12 Ara l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2008/115.

13 Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2016 L 77, p. 1).

14 Mingħajr preġudizzju, ovvjament, għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) sa (5) tad-Direttiva 2008/115.

15 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Celaj (C-290/14, EU:C:2015:285, punt 50).

16 Ara l-punt 6 tal-Artikolu 3, u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/115.

17 Ara s-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Ouhrami (C-225/16, EU:C:2017:590, punt 49).

18 Ibid.

19 Ara l-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

30. It-tieni nett, il-każ preżenti jikkonċerna soġġorn illegali inizjali, irregolat mid-deċiżjoni ta' ritorn, u mhux, bħal fil-kawża Ouhrami[20], soġġorn illegali sussegwenti li huwa l-konsegwenza ta' ksur ta' projbizzjoni fuq id-dħul, fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/115.

31. It-tielet nett, fir-rigward tas-"sitwazzjoni Achughbabian"[21], ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jista', fil-prinċipju, jipprovdu għall-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija fuq JZ abbażi ta' soġġorn illegali, peress li l-proċedura ta' ritorn stabbilita mid-Direttiva 2008/115 ġiet applikata u ċ-ċittadin qiegħed jissoġġorna illegalment f'dak it-territorju mingħajr raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' ritorn.

32. Iżda il-Pajjiżi l-Baxxi ma għamlux dan. Filwaqt li proċedura ta' ritorn kienet applikata mingħajr suċċess kontra JZ, u JZ kompla jissoġġorna illegalment fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi mingħajr raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' ritorn, ir-raġuni *għalfejn* JZ huwa suġġett għal piena kriminali u, bħala konsegwenza, miċħud mil-libertà ma hijiex il-proċedura ta' ritorn mingħajr suċċess, iżda l-fatt li ġiet imposta projbizzjoni fuq id-dħul fuq JZ. Bħala konsegwenza, ma hemm l-ebda "sitwazzjoni Achughbabian" fil-każ inkwistjoni.

33. Għalhekk, il-każ preżenti ma jikkonċernax il-kwistjoni *jekk* Stat Membru jistax, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali, jipprovdi għall-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija (iva, jista'), iżda pjuttost l-*implimentazzjoni* attwali ta' dik il-possibbiltà mil-leġiżlatur tal-Pajjiżi l-Baxxi, sa fejn l-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali jissanzjona s-soġġorn illegali ta' persuna li għandha għarfien dwar projbizzjoni fuq id-dħul li, f'każijiet bħal dawk fil-proċeduri prinċipali, tkun għadha ma bdietx tipproduċi l-effetti tagħha minħabba nuqqas ta' ritorn inizjali.

34. Skont JZ, mill-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposta għall-emenda tal-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali huwa ċar li, permezz ta' dik il-proposta, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi ried biss jintroduċi penali għall-ksur ta' projbizzjoni fuq id-dħul u mhux biex jikkriminalizza r-residenza illegali, li fir-rigward tagħha kellu l-intenzjoni li jintroduċi proposta leġiżlattiva separata. JZ jallega li proposta f'dan is-sens kienet fil-fatt introdotta fis-7 ta' Jannar 2013, iżda ġiet sussegwentement irtirata fl-14 ta' Mejju 2014 għal raġunijiet politiċi.

35. B'kuntrast, skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-leġiżlatur tal-Pajjiżi l-Baxxi ddeċieda li jagħmel "residenza illegali aggravata" (jiġifieri, kwalunkwe residenza illegali ta' ċittadin barrani li jaf jew li għandu raġuni serja sabiex jemmen li hu kien ġie pprojbit milli jidħol fil-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 66a(7) tal-Vw 2000) reat kriminali skont l-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li s-"sempliċi residenza illegali" ma hijiex punibbli skont id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi.

36. Ċertament ma hijiex il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi d-dibattitu fuq kif għandu jinqara l-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali, li jidher li huwa kontenzjuż fuq livell nazzjonali.

37. Madankollu, sabiex tiggwida lill-qorti tar-rinviju u tipprovdi risposta utli għad-domanda tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina jekk il-qari tal-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li l-kondotta li tikkonsisti f'reat tista' tiġi ddefinita b'referenza għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul li għadha ma seħħitx fl-assenza tat-tluq tal-persuna kkonċernata, huwiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

38. Il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u dak Ġermaniż isostnu li jekk l-Istati Membri jistgħu, f'"sitwazzjoni Achughbabian", jimponu piena kriminali fuq soġġorn illegali wara proċedura ta' ritorn mingħajr suċċess, mela huma jistgħu *a fortiori jillimitaw l-impożizzjoni ta' piena kriminali lil dawk li jinsabu f'"sitwazzjoni Achughbabian"* fejn il-persuna kkonċernata tikkostitwixxi theddida għall-ordni pubbliku,

20 Sentenza tas-26 ta' Lulju 2017 (C-225/16, EU:C:2017:590).

21 Ara l-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

li hija sostnuta mill-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul. F'dan ir-rigward, dawn il-Gvernijiet jenfasizzaw id-differenza bejn l-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul u d-dħul fis-seħħ tagħha. Huwa allegat li d-dritt kriminali nazzjonali jista' jagħmel il-fatt tat-twettiq ta' reat suġġett għall-eżistenza ta' projbizzjoni fuq id-dħul.

39. Fil-fehma tiegħi jmur lil hinn minn kull dubju li għandha ssir distinzjoni bejn il-mument tal-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul u l-mument meta l-projbizzjoni fuq id-dħul tidħol fis-seħħ. Barra minn hekk, kif diġà ġie rilevat iktar 'il fuq, il-Pajjiżi l-Baxxi jistgħu, taħt ċertu ċirkustanzi, jimponu piena kriminali fuq soġġorn illegali. Dan huwa fil-kompetenza tagħhom fil-qasam tad-dritt kriminali.

40. F'dan ir-rigward, nixtieq ngħid li l-formulazzjoni tal-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali hija żbaljata fir-rigward tat-termini tad-Direttiva 2008/115, għax iċċajpar id-distinzjoni ċara magħmula minn dik id-direttiva bejn deċiżjoni ta' ritorn u projbizzjoni fuq id-dħul. Anki qari benevolenti ta' din id-dispożizzjoni jirrikjedi tidwir intellettwali. JZ huwa korrett meta jafferma li d-dispożizzjoni ma hijiex ċara f'dan ir-rigward. Mandankollu, anki jekk din id-dispożizzjoni tad-dritt kriminali nazzjonali ma toperax l-istess distinzjoni fit-terminoloġija kif prevista mid-Direttiva 2008/115, dan ma jidhirlix li jmur kontra t-termini jew l-għanijiet ta' dik id-direttiva. Wieħed ma jistax jiċħad li, minkejja li l-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali huwa fformulat b'mod kemxejn konfuż, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-applikazzjoni tiegħu, inkluż fil-każ inkwistjoni, tbiddel l-interazzjoni bejn deċiżjoni ta' ritorn u projbizzjoni fuq id-dħul, prevista mid-Direttiva 2008/115. Barra minn hekk, filwaqt li dik id-direttiva ma tipprekludix l-impożizzjoni ta' sanzjoni kriminali, id-direttiva ma tirrikjedix li d-dritt kriminali nazzjonali jirrifletti kompletament l-istess formulazzjoni.

41. Sabiex jitneħħew kwalunkwe dubji possibbli [22], għandu jingħad li s-sitwazzjoni tal-każ preżenti tinkwadra fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115 [23]. Peress li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa, skont l-Artikolu 6(1) ta' dik id-direttiva, taħt obbligu persistenti u kontinwu li joħroġ u jimplimenta deċiżjoni ta' ritorn, obbligu li japplika mingħajr interruzzjoni, il-priġunerija – temporanja – ta' persuna taqa' fl-ambitu ta' din il-proċedura. Konsegwentement, dritt nazzjonali bħal dak inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali ma għandux imur kontra t-termini tad-Direttiva 2008/115.

42. Għalkemm, f'dan ir-rigward, il-Gvern Ċek jallega li l-każ preżenti ma jaqax taħt l-iskop tad-Direttiva 2008/115 bl-argument li dik id-direttiva ma tarmonizzax id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jissanzjonaw l-illegalità ta' soġġorn, nissottometti li dak il-gvern jasal minn bidu korrett għal konklużjoni żbaljata. Huwa paċifiku li d-Direttiva 2008/115 ma tarmonizzax id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jissanzjonaw l-illegalità ta' soġġorn. Iżda d-Direttiva 2008/115 tista' topponi tali dispożizzjonijiet, peress li dawn ma għandhomx jipprekludu t-termini u l-għan ta' dik id-direttiva. Wara kollox, din hija l-essenza stess tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mqassra iktar 'il fuq, li tibda bis-sentenza El Dridi [24]. F'dan ir-rigward, għandi l-ewwel infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja saħqet b'mod konsistenti li filwaqt li l-kompetenza tal-Istati Membri fid-dritt kriminali fil-qasam tal-immigrazzjoni illegali u tas-soġġorn illegali ma hijiex, fil-prinċipju, limitata mid-Direttiva 2008/115, huma ma jistgħux jadottaw regoli tad-dritt kriminali li jistgħu jipprekludu t-twettiq tal-għanijiet imfittxija minn direttiva u, għaldaqstant, jċaħħduha mill-effettività tagħha [25].

43. Għalhekk nikkonkludi temporanjament li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115 ma jipprekludux dispożizzjoni tad-dritt kriminali nazzjonali bħall-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali.

22 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni dehret tindika li sitwazzjoni bħal dik tal-każ preżenti kienet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115 L-istess japplika għall-Gvern Ġermaniż u dak Ċek.

23 Kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma għandux l-obbligu li jadotta regoli tal-liġi kriminali li jissanzjonaw is-soġġorn illegali. Iżda, jekk jagħmel dan, dan għandu jikkonforma ruħu mad-direttiva, inkluż il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, mqassra iktar 'il fuq.

24 Sentenza tat-28 ta' April 2011 (C-61/11 PPU, EU:C:2011:268).

25 Ara, essenzjalment, is-sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi (C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 54 *et seq.*).

44. Dan iħallina bil-kwistjoni tal-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati mad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, sa fejn jikkonċerna n-nuqqas ta' ċarezza apparenti ta' din id-dispożizzjoni.

45. Id-dispożizzjoni nazzjonali fil-każ preżenti taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115 u għalhekk l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Din għandha tikkonforma mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta. F'dan ir-rigward, wieħed jista' jikkunsidra d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jżidu mal-effettività tad-Direttiva 2008/115 billi jinkoraġġixxu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jikkonformaw ma' deċiżjoni ta' ritorn u projbizzjoni fuq id-dħul sussegwenti. Fi kliem ieħor, bl-introduzzjoni tal-projbizzjoni fuq id-dħul, l-Istati Membri jiżguraw konformità mal-objettiv ta' dik id-direttiva. B'mod alternattiv, jista' jitqies ukoll li l-liġi nazzjonali inkwistjoni potenzjalment tinterferixxi mal-effettività tad-Direttiva 2008/115, liema ħaġa tagħmel is-sitwazzjoni inkwistjoni simili għal dik ta' deroga mil-liġi tal-Unjoni [26]. B'din il-loġika, sitwazzjonijiet li fihom id-Direttiva 2008/115 tippermetti lill-Istati Membri li jċaħħdu individwu, li għalih tapplika d-direttiva, mil-libertà fil-forma ta' sentenza ta' priġunerija għandhom jinftiehmu bħala eċċezzjonijiet għall-għan prinċipali ta' dik id-direttiva. Konsegwentement, il-Karta hija applikabbli fil-każ preżenti, fi kwalunkwe mod wieħed jiffaċċja d-dritt nazzjonali inkwistjoni.

46. F'dak ir-rigward, l-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprovdi li kwalunkwe limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti mill-Karta għandha tkun ipprovduta mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u libertajiet u tkun suġġetta għall-prinċipju ta' proporzjonalità. Sa fejn il-Karta tiġbor fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem, il-"KEDB"), l-Artikolu 52(3) tal-Karta jipprovdi li t-tifsira u l-portata ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti minn dik il-konvenzjoni, filwaqt li jispeċifika li d-dritt tal-Unjoni jista' jipprovdi protezzjoni iktar estensiva. Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Karta, għandu għalhekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 5 tal-KEDB bħala l-limitu minimu ta' protezzjoni.

47. Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kwalunkwe ċaħda tal-libertà għandha tkun legali mhux biss fis-sens li għandu jkollha bażi legali fid-dritt nazzjonali, iżda anki fis-sens li dik il-legalità tikkonċerna l-kwalità tad-dritt, li timplika li dritt nazzjonali li jawtorizza ċ-ċaħda tal-libertà għandu tkun suffiċjentement aċċessibbli, preċiż u prevedibbli fl-applikazzjoni tiegħu sabiex jiġi evitat kull riskju ta' arbitrarjetà [27].

48. Barra minn hekk, nixtieq infakkar l-Artikolu 49(1) tal-Karta, jgħid li ħadd ma għandu jitqies li huwa ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienx jikkostitwixxi reat kriminali skont dritt nazzjonali jew dritt internazzjonali fil-ħin meta jitwettaq. Dan jinkludi, fil-fehma tiegħi, l-obbligu fuq l-Istati Membri li jifformulaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali b'tali mod li jkunu suffiċjentement speċifiċi biex jippermettu li jiġu identifikati u interpretati l-iskop u l-applikazzjoni tar-reat. Dispożizzjoni tad-dritt kriminali għandha tkun aċċessibbli u t-tifsira tagħha għandha tinftiehem malajr. Kwalunkwe dubji għandhom jiġu evitati.

49. Nixtieq nenfasizza li fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-Karta, hemm inqas lok għal qari benevolenti tad-dispożizzjoni nazzjonali milli kien possibbli fir-rigward tal-kompatibbiltà mad-Direttiva 2008/115. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tanalizza l-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni inkwistjoni mad-drittijiet fundamentali, abbażi tal-Karta, moqrija flimkien mal-KEDB, inkluża l-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq. Jekk il-qorti tar-rinviju trid tapplika l-Artikolu 197 tal-Kodiċi Kriminali għall-kawża inkwistjoni

26 Fir-rigward tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni huma applikabbli, ara s-sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281).

27 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-QEDB tal-21 ta' Ottubru 2013, Del Río Prada vs Spanja (CE:ECHR:2013:1021JUD004275009, § 125).

fil-proċedimenti prinċipali, dik il-qorti għandha, wara l-analiżi tagħha, tasal għall-konklużjoni li minn din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar liema att attwali huwa ddefinit bħala reat kriminali. Fi kliem ieħor, għandu jkun ċar li l-ksur tal-obbligu ta' tluq mit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkostitwixxi fih innifsu reat kriminali. Fin-nuqqas ta' tali konstatazzjoni, il-prinċipju ta' legalità ma jkunx osservat.

## Konklużjoni

50. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) bil-mod segwenti:

Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jissoġġornaw illegalment għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi sentenza ta' priġunerija li għandha tiġi imposta fuq ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jissoġġorna illegalment meta l-kondotta kriminali tkun iddefinita b'referenza għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul li tkun għadha ma seħħitx fl-assenza tat-tluq tal-persuna kkonċernata, sakemm dik il-leġiżlazzjoni tkun suffiċjentement speċifika sabiex tippermetti li l-iskop u l-applikazzjoni tar-reat ikunu identifikati u interpretati, liema ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali.